MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1884/2004

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**Vs**

1. **Emanuel u Connie konjugi Pace**
2. **Leone u Grace konjugi Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1472) rappresentanti arretrati ta' kera gravanti l-fond FoneZone f'Constitution Street, Mosta mikri lill-konvenuti u dana ghall-perijodu mill-1 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Awissu 2004 bir-rata ta' Lm8 kuljum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm debitament notifikati, l-konvenuti baghqu ma dehrux u lanqas ipprezentaw ir-risposta skond il-ligi.

Ra n-nota ipprezentata mill-konvenuti Emanuel u Connie Pace datata 7 ta’ Dicembru 2004, fejn huma gabu a konjizzjoni tat-Tribunal illi l-ammont tal-kera dovuta mill-1 ta’ Frar 2004 sal-31 ta’ Ottubru 2004, giet iddepozitata that l-Awtorita tal-Qorti b’cedola numru 2120/04, liema kera tista’ tigi liberalment zbankata mill-intimat.

Ra illi madanakollu l-konvenuti naqqsu li jipprezentaw provi rigward dak dikjarat minnhom fl-imsemmija nota u inoltre naqqsu li jipprezentaw kopja legali tac-cedola ta’ depozitu indikata minnhom.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur Oscar Mizzi li ikkonferma bil-gurament illi meta gie ipprezentat l-avviz l-ammont mitlub kien ghadu dovut, u li huwa sar jaf biss fis-seduta ta’l-10 ta’ Dicembru 2004, meta ta x-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, illi l-ammont dovut kien gie iddepozitat l-Qorti u dana kif irrizultalu min-nota ipprezentata mill-konvenuti Pace.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf erba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1472), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------